

Brussell, 24 ta' Marzu 2021  
(OR. en)

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2021/0048(NLE)

---

6446/21  
ADD 24

RECH 72  
COMPET 123  
IND 40  
MI 105  
SAN 82  
TRANS 94  
AVIATION 42  
ENER 50  
ENV 94  
SOC 95  
TELECOM 70  
AGRI 79  
SUSTDEV 22  
REGIO 29  
IA 22

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	23 ta' Frar 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2021) 38 final - Part 3/9
Suġġett:	DOKUMENT TA' HĪDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Impriżi Konġunti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa Sħubija Ewropea għat-Teknoloġiji Diġitali Ewlenin

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument SWD(2021) 38 final - Part 3/9.

---

Mehmuż: SWD(2021) 38 final - Part 3/9



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 23.2.2021  
SWD(2021) 38 final

PART 3/9

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI  
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

*Li jakkumpanja d-dokument*

**Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Impriżi Konġunti fil-qafas ta'  
Orizzont Ewropa**

**Sħubija Ewropea għat-Teknoloġiji Diġitali Ewlenin**

{COM(2021) 87 final} - {SEC(2021) 100 final} - {SWD(2021) 37 final}

<b>Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv</b>
Valutazzjoni tal-impatt dwar sħubija Ewropea istituzzjonalizzata potenzjali għat-teknoloġiji diġitali ewlenin
<b>A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni</b>
<b>X'inhil-problema u għaliex hija problema fil-livell tal-UE?</b>
<p>“It-teknoloġiji diġitali ewlenin” (KDTs) huma komponenti u sistemi elettroniċi li jirfdu l-prodotti u s-servizzi diġitali kollha. Huma jitqiesu bħala essenzjali għaliex huma l-elementi kostitwenti bażiċi tas-sistemi diġitali.</p> <p>Jekk l-UE ma żżommx it-tmexxija tagħha fil-komponenti u s-sistemi elettroniċi, qed turriskja li tinfexx il-pożizzjoni b'saħħitha tagħha fis-suq f'setturi bħal dak awtomobilistiku, tal-kura tas-saħħa, tal-manifattura industrijali, tal-ajruspazju u tas-sigurtà.</p> <p>Qed turriskja wkoll li tkun segwaċi fil-paradigmi u t-teknoloġiji emerġenti, bħall-intelliġenza artifiċjali (IA) u l-edge computing, u s-swieq assoċjati li qed joħlqu domanda għall-komponenti u għas-sistemi elettroniċi li se jkollhom bżonn juru livelli ta' prestazzjoni li jkunu differenti minn dawk disponibbli llum.</p> <p>Problema kbira li l-UE se tħabbat wiċċha magħha hija s-sigurtà tal-provvista ta' teknoloġiji ta' komponenti affidabbli, siguri u sikuri għall-infrastrutturi kritiċi u għas-setturi industrijali li huma vitali għall-ekonomija.</p> <p>In-nonallinjament ta' dawn il-KDTs mal-prijoritajiet politiċi tal-UE se jċaħħadha minn strument ewleni għall-ingranaġġ tat-trasformazzjoni diġitali fl-indirizzar tal-għanijiet soċjetali u ambjentali tagħha.</p>
<b>X'jenħtieġ li jinkiseb?</b>
<p>Sforz tar-R&amp;I ta' skala suffiċjenti u bi grad suffiċjenti ta' koordinazzjoni biex tinġabar massa kritika ta' riżorsi, jiġu organizzati diversi kompetenzi u interessi, u jitmexxew lejn aġenda komuni bl-għanijiet li ġejjin li jridu jinkisbu sal-2030:</p> <ol style="list-style-type: none"> <li> <p><i>Ninfurzaw is-sovranità teknoloġika tal-UE fil-komponenti u fis-sistemi elettroniċi biex nappoġġaw il-bżonnijiet futuri ta' industriji “vertikali” u l-ekonomija b'mod ġenerali</i></p> <p>Niżguraw li l-UE tibqa' fuq quddiem tat-teknoloġija fil-komponenti elettroniċi avvanzati u fis-sistemi li jikkontribwixxu għal katini tal-valur strateġiċi reżiljenti. Din se tkun dejjem aktar kritika hekk kif it-trasformazzjoni diġitali tiżviluppa u t-teknoloġiji diġitali jixxerrdu fis-setturi kollha.</p> <p>Jenħtieġ li sovranità akbar issarraf fl-irduppjar fil-valur tad-disinn u tal-produzzjoni ta' komponenti u sistemi elettroniċi fl-UE sal-2030, f'konformità mal-piż tagħha fil-prodotti u fis-servizzi b'mod ġenerali.</p> </li> <li> <p><i>Nistabbilixxu eċċellenza xjentifika u tmexxija innovattiva tal-UE fil-komponenti u fis-sistemi tat-teknoloġiji emerġenti</i></p> <p>Il-minjaturizzazzjoni ulterjuri lejn il-limiti fiżiċi, il-penetrazzjoni rapida tal-IA, u l-ħolqien tal-edge computing u ta' paradigmi alternattivi tal-computing, jifih opportunitajiet ġodda għall-komponenti u s-sistemi elettroniċi u għall-applikazzjonijiet tagħhom. Bażi xjentifika solida fl-oqsma emerġenti tista' tippermetti lill-UE biex taħtaf dawn l-opportunitajiet. L-SMEs u n-negozji ġodda attivi fit-teknoloġiji emerġenti jistgħu jibbenefikaw minn ekosistemi ġodda u jgħinuhom jissawru.</p> <p>Jenħtieġ li l-SMEs ikunu responsabbli għal mill-inqas terz tal-għadd totali ta' parteċipanti</p> </li> </ol>

f' inizjattiva KDT u jirċievu mill-inqas 20 % tal-finanzjament pubbliku.

3. *Niżguraw li l-komponenti u s-sistemi tat-teknoloġiji jindirizzaw l-isfidi soċjetali u ambjentali tal-UE*

L-UE u l-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali jaqdu rwol essenzjali f' inizjattiva koordinata u jiżguraw l-allinjament tagħha mal-prijoritajiet politiċi. Jenħtieġ li l-komponenti elettroniċi u s-sistemi tat-teknoloġiji jipprovdu l-livelli t-tajba ta' affidabbiltà u ta' privatezza u jikkontribwixxu għall-oġettivi ambjentali tal-UE.

L-inizjattiva se timmira lejn tnaqqis fil-konsum tal-enerġija ta' 32,5 % sal-2030<sup>1</sup>.

**X' inhu l-valur miżjud tal-azzjoni fil-livell tal-UE (sussidjarjetà)?**

Il-komponenti u s-sistemi elettroniċi jirfdu l-katini tal-valur industrijali li għandhom impatt soċjali u ekonomiku sinifikanti madwar l-Ewropa.

Il-pass mgħaġġel tal-progress teknoloġiku fl-industrija, flimkien mal-fatt li l-Istati Uniti tal-Amerka u l-pajjiżi tal-Ażja qed jinvestu bil-kbir sabiex ikunu fuq quddiem u biex jimminimizzaw id-dipendenzi tagħhom fuq reġjuni oħra, jeħtieġ rispons koordinat fil-livell tal-UE.

L-ebda pajjiż jew organizzazzjoni ma jkun kapaċi jwassal fuq l-oġettivi ta' hawn fuq. Il-mobilizzazzjoni fil-livell tal-UE biss, bl-involviment tal-Istati Membri u tal-industrija, se tiżgura l-approċċ strateġiku meħtieġ u l-massa kritika ta' riżorsi, ta' kompetenzi u ta' interessi.

**B. Soluzzjonijiet**

**X' inhum d-diversi għażliet biex jinkisbu l-oġettivi? Hemm jew le xi għażla ppreferuta? Jekk le, għaliex?**

Kienu kkunsidrati l-għażliet li ġejjin bħala mezz ta' sostenn għar-R&I:

- sejħiet għal proposti tradizzjonali fil-programm qafas (għażla ta' linja bażi);
- sħubija Ewropea koprogrammata (għażla 1); u
- sħubija Ewropea istituzzjonalizzata skont l-Artikolu 187 TFUE (għażla 3).

L-isħubija Ewropea istituzzjonalizzata hija l-għażla ppreferuta, għaliex din tiżgura li l-industrija usa' tas-sistemi u tal-komponenti elettroniċi jieħdu rwol attiv fl-istabbiliment tal-aġenda tar-R&I, flimkien mal-awtoritajiet pubbliċi (fil-livelli tal-UE u dawk nazzjonali), biex jintlaħqu l-għanijiet imsemmija hawn fuq. Din se tippermetti impenn sostenibbli mill-membri tas-sħubija fuq programm miftiehem ta' seba' snin u tipprovdi struttura stabbli għall-implimentazzjoni effiċjenti u għall-koordinazzjoni mal-inizjattivi relatati. Se tintalab interazzjoni b'mod partikolari mas-sħubijiet iffukati fuq id-diġitali (pereżempju l-fotonika, EuroHPC, is-siti ta' networking soċjali, l-IA, id-data u r-robotika) u l-oqsma ta' applikazzjoni (is-saħħa, il-karozzi, il-manifattura, l-ispazju).

Il-valutazzjoni sabet li din l-għażla tipprovdi l-aktar "direzzjonalità" (li tiżgura l-allinjament ma' aġenda tar-R&I) u "addizzjonalità" (li tassigura l-effetti ta' ingranaġġ).

**X' jidhrilhom il-partijiet ikkonċernati differenti? Liema għażla u min jappoġġaha?**

Meta l-Istati Membri ġew ikkonsultati dwar is-sħubijiet ta' Orizzont Ewropa, 96 % ikkunsidraw sħubija

<sup>1</sup> Id-Direttiva (UE) 2018/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li temenda d-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza fl-enerġija (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 210).

għal KDTs rilevanti għall-politiki u l-prijoritajiet nazzjonali tagħhom, u għall-industrija, għall-organizzazzjoni ta' riċerka u għall-universitajiet tagħhom.

Fil-konsultazzjoni pubblika miftuħa, 82 % tar-rispondenti indikaw li inizjattiva KDT tkun rilevanti jew rilevanti ħafna biex jiġi żgurat l-aċċess għall-komponenti u għas-sistemi affidabbli. B'mod partikolari, din il-fehma ġiet appoġġata mill-assoċjazzjonijiet industrijali, l-universitajiet, l-RTO, l-Istati Membri u l-kumpaniji kbar.

Ħafna mir-rispondenti ('il fuq minn 40 %) sabu li l-išhubija istituzzjonalizzata hija l-aktar għażla adattata. Din tirrappreżenta sezzjoni trażversali bbilanċjata tal-industrija (negozji kbar u SMEs), tal-organizzazzjonijiet ta' riċerka u tal-Istati Membri. Il-partijiet ikkonċernati li ġew intervistati għall-istudju li jappoġġa l-valutazzjoni tal-impatt, ukoll appoġġaw bis-sħiħ din l-għażla.

Il-fehmiet tal-minoranza (pereżempju mill-organizzazzjonijiet tar-riċerka) indikaw li din l-għażla kellha riskju ta' kumplessità akbar. Madankollu, l-armonizzazzjoni u s-simplifikazzjoni tal-proċeduri u tal-prattiki huma indirizzati fl-inizjattiva proposta.

### **C. Impatti tal-għażla ppreferuta**

#### **X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, jew inkella x'inhuma ta' dawk l-ewlenin)?**

Sħubija abbażi tal-Artikolu 187 TFUE tista':

- tappoġġa aġenda strateġika tar-R&I tal-UE (SRIA) dwar il-komponenti elettroniċi u s-sistemi ta' teknoloġiji, tallinja l-UE, l-istati parteċipanti u l-prijoritajiet tal-industrija biex tinkiseb massa kritika;
- isserraħ fuq impenji ta' kontribuzzjoni minn qabel mill-membri pubbliċi (UE u nazzjonali) u privati fis-sħubija;
- tipprovdi struttura ġestita b'mod ċentrali li tappoġġa l-involviment fit-tul ta' membri privati għall-implimentazzjoni ta' programm ambizzjuż; u
- twassal ingranaġġ għoli ta' 1:3 u tgħaqqad il-finanzjament tal-UE mal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri u l-industrija (EUR 1 mill-UE, EUR 1 mill-istati parteċipanti, EUR 2 mill-membri privati), għall-mobilizzazzjoni ta' massa kritika ta' riżorsi tar-R&I.

#### **X'inhuma l-kostijiet tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, jew inkella x'inhuma ta' dawk l-ewlenin)?**

Filwaqt li inizjattiva KDT futura se tadotta l-istruttura attwali tal-ECSEL, il-kost tal-implimentazzjoni tal-għażla ppreferuta huwa l-kost operazzjonali ta' uffiċċju ta' impriża konġunta għall-perjodu tal-inizjattiva. Dan il-kost huwa paċut fil-parti l-kbira mill-benefiċċji msemmija hawn fuq, b'mod partikolari l-effetti tal-ingranaġġ tal-kofinanzjament biex tintlaħaq l-iskala ta' riżorsi meħtieġa biex jiġu indirizzati l-għanijiet ambizzjużi. L-impriża konġunta ECSEL se tiġi adattata għas-sħubija KDT u l-kostijiet tal-implimentazzjoni ġenerali jkun jibqgħu l-istess.

#### **X'inhuma l-impatti fuq l-SMEs u fuq il-kompetittività?**

Rakkomandazzjoni waħda mill-valutazzjoni interim tal-ECSEL hija li jiġi stimulat involviment iktar attiv mill-SMEs. L-enfasi fuq teknoloġiji emerġenti u l-oġettiv li tinbena kapaċità tad-disinn (oqsma li fihom l-SMEs huma partikularment attivi) x'aktarx li jiġbed għadd akbar ta' kumpaniji żgħar lejn l-inizjattivi fi rwoli aktar rilevanti. Huma previsti attivitajiet speċifiċi (pereżempju l-aċċess u l-esperimentazzjoni tat-teknoloġija) biex jinvolvu fornituri u utenti żgħar fl-ekosistema.

**Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?**

Is-sħubija KDT hija bbażata fuq mudell tripartitiku (il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-industrija) b'kontribuzzjonijiet finanzjarji u bl-involviment amministrattiv mill-istati parteċipanti (l-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati). Dan il-mudell bħalissa qed jintuża b'suċċess fl-Impriża Konġunta ECSEL.

**Se jkun hemm xi impatti sinifikanti oħra?**

Fl-iżvilupp u fl-adozzjoni ta' komponenti elettroniki u ta' sistemi tat-teknoloġiji, se jitqiesu d-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari s-sikurezza, is-sigurtà u l-privatezza taċ-ċittadini.

**Proporzjonalità?**

L-għażla ppreferuta tipprovdi l-elementi kollha biex jinkisbu l-oġettivi u ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ.

**D. Segwitu**

**Meta se tiġi rieżaminata l-politika?**

Is-sħubija se tiġi rieżaminata b'mod regolari fil-livelli tal-proġett, tat-teknoloġija/tas-settur u tal-programm. Evalwazzjoni ta' nofs it-terminu minn panel indipendenti ta' esperti hija ppjanata wara tliet snin ta' operazzjoni. Evalwazzjonijiet regolari se jivvalutaw il-progress fir-rigward tal-oġettivi tal-inizjattivi, tal-impatti mistennija u tal-kontribuzzjonijiet għall-prijoritajiet ta' politika tal-UE.